# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 200/15 FDP**

**Fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali 1405/15 mibghuta fit 12 ta' Gunju 2015 taht l-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 fl-ismijiet**

**Carmelo sive Charlie Sammut ( ID 229764M)**
**f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Charlie Autodealer**

**Vs**

**Paul Borg (ID 150562M) u Alexandra Borg (ID 197562M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat minn Paul u Alexander Borg fis-6 ta' Lulju 2015 fejn, filwaqt illi ghamlu referenza ghall-Ittra Ufficjali fuq imsemmija, sahqu illi huma jirritjenu li mhux minnu illi huma debituri versu l-mittenti tas-somma ta' hamest elef u disgha mitt Euro (€5,900), peress illi sahqu illi z-zewgt kambjalijiet li fuqhom qed jibbaza l-Ittra Ufficjali hija frott ingann illi sar fil-konfront taghhom.

Ir-rikorrenti sahqu illi l-bejgh tal-Mercedes HAO 226 kien ilu li sehh aktar minn tmien snin ilu waqt li l-kambjalijiet igibu d-data tas-26 ta' Novembru 2014, jigifieri tmien xhur biss ilu.

Ghalhekk, ir-rikorrenti, filwaqt illi nsistew li l-ammont mitlub ma huwiex dovut, talbu lill-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni ta' l-fuq indikati kambjalijiet, abbazi tal-Art 253(e) tal-Kap 12.

Ra l-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Lulju 2015 innotifikata lir-rikorrenti fil-15 ta' Gunju 2015 kif ukoll iz-zewgt kambjalijiet mertu ta' l-Ittra Ufficjali datati 26 ta' Novembru 2014 fl-ammont rispettiv ta' €3,110 u €3,000.

Ra ir-risposta ta' Carmelo sive Charlie Sammut ippresentata fid-29 ta' Lulju 2015 fejn sahaq illi filwaqt illi kien minnu l-vettura kienet inbieghet snin ilu, r-rikorrenti ma lahqux ghal pagamenti miftiehma u ghalhekk ftehmu ghal debitu fi zmien itwal fejn inhargu z-zewgt kambjalijiet mertu ta' l-Ittra Ufficjali .

Sahaq ukoll illi ma kien minnu xejn illi l-Ittra Ufficjali kien meritu ta' ingann, tant illi wara li nhargu l-kambjalijiet, saru erbgha pagamenti mir-rikorrenti.

Kien ghalhekk illi huwa insista li t-talba ta' sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ma kellhiex tigi milqugha.

Rat illi r-rikorrenti gew notifikat bl-Avviz tas-Smiegh fl-24 ta' Lulju 2015 (tergo fol 8)

Rat illi kemm fil 15 ta' Ottubru 2015 u fit-23 ta' Novembru 2015, ir-rikorrenti naqqsu milli jidhru u, ghalkemm is-seduta tat-23 ta' Novembru kienet intiza ghall provi, ir-rikorrenti naqqsu milli jressqu l-provi taghhom.

Rat illi fl-istess seduta il-Qorti iddikjarat il-provi rikorrenti maghluqa.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Charlie Sammut** moghtija fit-23 ta' Novembru 2015.

Rat illi fl-istess seduta, l-intimat iddikjara illi ma kellhux aktar provi w il-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-proceduri odjerni huma proceduri straordinarji intizi sabiex iwaqqfu l-ezekuzzjoni ta' kambjalijiet, hekk rezi ezekuttivi a tenur ta' 253 (e) tal-Kap 12.

Jirrizulta illi r-rikorrenti naqqsu milli jidhru kif ukoll naqqsu milli jressqu il-provi taghhom, u dana ghalkemm kienu jafu bid-data tas-smiegh tal-proceduri odjerni u ghalkemm il-Qorti ikkoncediet data ohra ghall-provi taghhom.

Tosserva illi ma huwiex accettabbli illi tali procedura straordinarja tigi mtawla inutilment peress illi ghandhom jitqiesu bhala azzjonijiet urgenti u sommarji u ghalhekk ghandhom jitmexxew bi speditezza mill-Qrati.

Tosserva illi ma ghandha ebda raguni biex tiddubita l-verzjoni tal-fatti kif indikati mill-intimat, kemm fir-risposta tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu.

## Konkluzjoni

Wara illi semghet ix-xhieda ta' l-intimat kif ukoll it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri ta' l-intimat

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' l-intimat, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjez tal-proceduri odjerni huma a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur